

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6378 – C1000/SdB Supermarket)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2011/C 321/11)

1. Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-imprezza C1000 B.V. ("C1000", l-Olanda) parti mill-grupp CVC, takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll waħdieni fuq supermarket fl-Olanda li attwalment jopera taħt il-formula tas-Super de Boer ("SdB Supermarket") permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprezzi kkonċernati huma:
 - għal C1000: il-kisba, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-konsum ta' kuljum, kif ukoll ta' servizzi relatati fl-Olanda,
 - għal SdB Supermarket: il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-konsum ta' kuljum.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6378 – C1000/SdB Supermarket, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").